MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 13/2003/1

**Visual and Sound Communications Limited**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta' attrici fit-12 ta' Mejju, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet illi:

1. Dan ir-rikors huwa *in segwitu* ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-12 ta' Dicembru, 2002, kopja esebita Dok *"A"*, fejn *inter alia* irriservat id-dritt illi tressaq il-lanjanza kostituzzjonali fi proceduri prezenti; illi ghalhekk l-esponenti qed terga' tipproponi l-istess talbiet f'dan ir-rikors;

2. L-esponenti tippremetti illi l-Pulizija ghamlet diversi *raids* u elevazzjoni ta' kwantita' ta' *Digital Versatile Discs* (DVDs) minn diversi *outlets* tas-socjeta' esponenti partikolarment mill-hwienet f'Tas-Sliema, Manwel Dimech, Valletta, Triq Repubblika, Energy Complex, Bay Street, San Giljan u fil-hantu fl-Aeroport Internazzjonali, fil-Gudja bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru, 2001;

3. Fil-kors ta' dawn ir-*raids* saret elevazzjoni ta' madwar elf u hames mitt (1,500) *Digital Versatile Discs* jew DVDs liema DVDs jikkonsistu f'*feature films* u flimkien jiswew madwar ghoxrin elf Lira (Lm20,000);

4. Il-punt frontali u centrali ta' l-esponenti hwa illi d-*Digital Versatile Discs* (DVDs) *in kwistjoni* huma inkontestabilment originali, legittimi, regolarment importanti li fuqhom thallsu r-*royalties*; ma hemm ebda element ta' piraterija, li jikkonsisti fl-ikkupjar illegali u ghal-qligh tal-materjal *copyrighted*, ghaliex dawn kienu originali, tant illi l-fini tal-investigazzjoni tal-Pulizija ma kenitx il-Piraterija, u liema DVDs gew sussegwentement restitwiti;

5. Dan kollu irreka danni kbar lill-esponenti: l-ewwelnett ghaliex kif inhu maghruf, jekk jinxtara jew jinkera DVD, dan normalment isir darba u x-xiri u kiri la darba jintilef, jintilef ghal dejjem; apparti dan, hemm riskju car ghall-esponenti li titlef il-klijenti la darba ma jinqdewx mil-hwienet taghha u jinqdew minn haddiehor – b'hekk klijentela tintilef irrevovokabilment; bizzejjed jinghad illi infethet fiera tal-prodotti elettronici fejn ser tiehu sehem is-socjeta' esponenti u fejn is-soltu tbiegh DVDs;

6. Apparti dan kollu, il-fatt illi gew elevati minghajr gustifikazzjoni fil-Ligi, id-DVDs ikkawzaw danni kummercjali kbar lis-socjeta' esponenti illi tul l-operazzjoni kummercjali taghha dejjem ikkumercjat prodott originali, legali, regolarment importat u apparti dan, dejjem kienet fl-avangwardja tal-kumpanija u azzjoni kontra il-prodotti illegittimu jew il-prodotti tal-piraterija; illi dan kollu qed irreka danni kbar kontra l-esponenti fis-sens illi esponena

l-kredibilita’ kummercjali fis-suq ghal dubbi serji minn dawk il-klijenti u konsumaturi illi tul is-snin dejjem afdaw u emmnu illi l-prodotti kummercjali mis-socjeta’ esponenti kienu legittimi;

7. Il-lanjanza kostituzzjonali hija fis-sens illi l-Pulizija agixxiet b’mod diskriminatorju fis-sens illi fil-waqt illi l-*outlets* kollha ohra f’Malta li jbieghu prodotti DVD legittimu bhal dak li gie maqbud minn ghand l-esponenti qed jithallew regolarment u l-azzjoni ta’ elevazzjoni kif ukoll illi inghalqu l-hwienet bid-danni kollha attinenti kummercjali saret biss fil-konfront tas-socjeta’ esponenti; illi inoltre r-reazzjoni tal-Pulizija ghaliex seta kellhom xi kwerela jew rapport ma kienet b’ebda mod proporzjonata u wisq anqas konformi ma’ kif normalment tirrispondi meta jkollha allegazzjoni ta’ xi ksur ta’ *intellectual property rights*; dan allura jivvjola d-dispozzjoni ta’ l-Art 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;

8. L-operat tal-intimati jivvjola wkoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-ewwel artikolu ta’ l-ewwel protokol tal-Kap 319 u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet fondamentali tal-Bniedem fis-sens illi l-esponenti giet imfixkla fit-tgawdija tal-possessjonijiet (*biens*) taghha;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bil-qima li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi suespost jikkostitwixxi lezjoni u vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali taghha kif fuq espost u ta’ l-artikoli l-ohra relattivi tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem u tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. taghti dawk id-direttivi rimedji u provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimat li *in forza* taghha eccepixxa illi:

L-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur fir-rikors promotur peress illi l-elevazzjoni tal-prodotti awdiovizivi imsemmija fir-rikors promotur ma saritx fuq decizjoni tieghu jew ta' xi membru tal-korp tal-Pulizija izda saret fuq ordni ta' Magistrat bhala parti minn inkjesta Magisterjali illi fiha l-Pulizija kienet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati illi tassisti. Illi *di piu'*, *stante* illi fl-istadju ta' l-Inkjesta ma hemm hadd akkuzat l-esponent m'ghandux l-interess illi huwa jkollu fil-vesti ta' prosekutur biex jiddefendi l-validita' ta' xi decizjoni ta' Qorti li tkun favorevoli ghalih.

Is-socjeta' rikorrenti ma sofriet ebda lezjoni tad-dritt fondamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta' kif provdut fl-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u Art. 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea billi l-mizura ta' elevazzjoni ta' oggetti ghall-iskopijiet ta' inkjesta dwar possibbli ksur ta' ligijiet penali ma tikkostitwiex mizura ta' tehid ta' proprjeta' izda hija mizura ta' kontroll ta' uzu ta' proprjeta' fl-interess generali illi ma tivvjolax l-istess artikoli.

L-gustifikazzjoni ghall-elevazzjoni tal-oggetti *in kwistjoni* hija sancita permezz ta' ordni tal-Qorti tal-Magistrati.

*In kwantu* ghall-allegat ksur ta' l-Artikoli 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghandu l-ewwelnett jigi rilevat illi d-dritt ghall-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni ma jistax jigi invokat biex jiggustifika agir illegali u ghalhekk ma jistax jigi invokat abbazi ta' pretensjoni li haddiehor ukoll kiser il-ligi. Illi *inoltre*, is-socjeta' rikorrenti ma spjegatx adegwatament kif qieghda tallega illi sofriet trattament diskriminatorju u ghalhekk ir-rikors ghandu jigi michud bhala karenti minn kwalita' essenzjali ta' l-espjegazzjoni tal-lanjanza.

Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontriha.

Rat li l-provi f'din il-kawza instemghu fil-kawza fl-istess ismijiet, citazzjoni numru 1770/01, u kellhom jghaddu u jaghmlu stat ukoll ghall-fini ta' din il-kawza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif inghad, din il-kawza imxiet flimkien mal-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet fuq indikata. Fil-kawza l-ohra is-socjeta' attrici talbet rimedju ordinarju ghal-lanjanzi taghha, waqt li f'dawn il-proceduri qed tallega li dak l-istess agir tal-Kummissarju tal-Pulizija, kien iledi d-drittijiet fundamentali taghha protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Fil-kuntest tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, il-Qorti tosserva li jista' jkun hemm lezjoni anke jekk l-awtorita' governattiva tkun agixxiet legalment bis-sahha tal-poteri li ghandha. It-trattament ta' dak li jkun jista jkun *"legali"* u awtorizzat bil-ligi, *pero'*, xorta jista' jitqies leziv tad-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun. Il-ligi li taghti l-poter ta' azzjoni lil xi awtorita' kompetenti tista' titqies valida u ma tmurx kontra l-kostituzzjoni tal-pajjiz, *pero'*, il-mod tal-esercizzju ta' dak il-poter, ghalkemm ukoll ikun sar fl-ambitu tal-ligi, jista' jkun leziv ghad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, specjalment jekk dak l-agir ma jkunx dak li hu mistenni f'socjeta' demokratika.

Kif intwera mid-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-istess ismijiet, citazzjoni numru 1770/01, l-agir tal-Pulizija gie meqjus bhala li sar fit-termini tal-ligi, u kien, ghalhekk, li fil-kamp civili, il-Kummissarju tal-Pulizija ma nstabx responsabbli ghad-danni. Fil-fehma tal-Qorti, *pero'*, u dan wrietu anke fid-decizjoni l-ohra imsemmija, il-mod ta' kif giet ezegwita l-ligi kien hazin u ta' hsara ghad-drittijiet tas-socjeta' attrici. Kif inghad, ma inghatatx spjegazzjoni ghalhiex *raid* li beda fil-hamsa ta' wara nofsinhar thalla *"in suspended animation"* ghall-hinijiet twal, sakemm fit-tard tal-lejl gew l-ufficcjali inkarigati biex jaghmlu l-elevazzjoni.

Tul dak in-nofs ta' nhar, il-hwienet tas-socjeta' attrici kienu sekwestrati taht il-kontroll tal-Pulizija, negozju ma setghax isir u, fuq kollox, ghad-dannu tar-reputazzjoni tas-socjeta' attrici, thallew Pulizija ghassa mal-hwienet u fil-pubbliku.

Dan kollu jista' jitqies bhala agir legali, izda zgur ma jistax jitqies bhala agir korrett u *fair* f'socjeta' demokratika. Wiehed ma jridx jinsa li s-socjeta' attrici, sa dak il-hin, kienet biss suspettata b'reat, u *kwindi*, fil-waqt li l-Pulizija kellha d-dritt twettaq il-funzjoni taghha, dan kellha taghmlu b'anqas disturb ghac-cittadin.  Jekk l-Ispetturi li kellhom imexxu l-investigazzjoni, ma kienux disponibbli matul il-guranta tal-1 ta' Ottubru, 2001, probabilment ghax kienu impenjati f'xoghol iehor, kellu jigi pospost ir-*raid* jew jigi nkarigat Spettur iehor biex l-investigazzjoni titmexxa bic-celerita' mistennija.

Il-Qorti jidhrilha li jekk ghandu jsir *raid*, dan ghandu jkun koordinat minn qabel biex, fil-waqt li jmorru ufficcjali tal-Pulizija biex jiehdu kontroll tal-post u jghalquh, l-ispetturi li jkunu qed imexxu l-investigazzjoni ghandhom jakkumpanjawhom sabiex l-istharig isir immedjatament, il-persuni involuti jigu infurmata bir-raguni tal-investigazzjoni, jigu elevati l-oggetti relatati mal-inkjesta, u r-*raid* jitmexxa bl-anqas inkonvenjent ghall-persuni involuti.  Ma jidhirx li hu gust ghac-cittadin li, kif sar f'dan il-kaz, l-ispettur l-ewwel jordna lis-subalterni tieghu *"jissigillaw"* il-post, lill-persuna involuta ma jindikawla xejn dwar il ghalhiex qed isir ir-*raid*, u umbaghad, sieghat wara, meta huwa u l-esperti jkunu disponibbli, imorru biex jaghmlu l-indagini taghhom.  F'socjeta' demokratika, l-investigazzjonijiet m'ghandhomx jitmexxew minghajr konsiderazzjoni ghad-drittijiet u ghall-istat t'annimu tal-persuni involuti.  Kollox, ovvjament, jiddependi mic-cirkustanzi tal-kaz, izda meta m'hemmx htiega ta' arrest immedjat (fl-interess tal-inkolumita' pubblika), l-investigazzjonijiet ghandhom jitmexxew b'aktar rispett lejn ic-cittadin.

L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, jipprotegi mhux biss kontra t-tehid tal-proprjeta', izda anke kontra d-disturb

tal-proprjeta'. Hekk l-awturi P. van Dijk u G.J.H. van Hoof fil-ktieb *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights",* josservaw, f'pagna 625, li dan l-artikolu *"may also have been violated when a person has not been affected as to his property or possessions per se, but is not accorded on opportunity to use that property"*. F'dan il-kaz, il-Qorti thoss li s-socjeta' attrici giet, ghal xi zmien, mcahda minghajr raguni mid-dgawdija tal-possedimenti taghha, u wkoll saret hsara ghar-reputazzjoni taghha li, bi ftit koordinazzjoni, setghet tigi evitata. Il-Qorti tirripeti li l-Pulizija kellha kull dritt tesegwixxi *raid* u taghmel l-elevazzjoni, *pero'*, il-mod kif l-operazzjoni giet kondotta, holoq anzjeta' u disturb bla bzonn fil-possedimenti tas-socjeta' attrici, u ghal dan l-agir, ghandu jinghata kumpens lis-socjeta' attrici.

Is-socjeta' rikorrenti tallega wkoll li l-agir tal-intimat kien diskriminatorju, peress li *outlets* ohra f'Malta li jbieghu prodotti DVD legittimu ma gewx investigati. Il-Qorti ma jidhirlix li din l-allegazzjoni giet sostnuta. Mhux biss ma saretx prova fuq dan, izda jirrizulta wkoll li fil-kaz tas-socjeta' attrici kienet infethet inkjesta magisterjali, li ma jirrizultax li kien il-kaz ta' hwienet ohra. *Kwindi,* ma jistax isir ezami komporattiv ta' *"like with like"*, u l-lanjanza tas-socjeta' rikorrenti taht dan il-kap ma jistax jigi akkolt.

Peress li l-ilment tas-socjeta' attrici gie milquh biss *in parte*, u, fil-fehma tal-Qorti, l-agir tal-Pulizija kien *"unfair"*, izda mhux ta' entita' gravissima, thoss li ghandha tordna l-hlas lis-socjeta' attrici tas-somma ta' Lm250 bhala kumpens ghal-gravan.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tiddikjara li l-mod kif sar ir-*raid* mill-Pulizija fl-1 ta' Ottubru, 2001, invjola d-drittijiet ta' proprjeta' tas-socjeta' attrici kif protetta bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, u tikkundanna lill-konvenut ihallas kumpens ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) lis-socjeta' attrici.

L-ispejjez ta' din il-kawza, fic-cirkostanzi, jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------